

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13586/22

LIMITE

JUR 648
AG 127
INST 376
PE 122

OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI¹

minn: Servizz Legali

Suġġett: Il-proposta dwar il-Liġi Elettorali - Kompatibbiltà mat-Trattati

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-laqgħat tiegħu tal-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali eżamina l-proposta tal-Parlament Ewropew għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE) b'vot universali dirett, adottata mill-Parlament Ewropew (PE) fit-3 ta' Mejju 2022² (il-proposta tal-PE), u talab lis-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) jeżamina l-kompatibbiltà ta' dik il-proposta mat-Trattati.

¹ Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

² Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni (id-dokument 9333/22).

2. Bi tweġiba għal din it-talba, din l-opinjoni tivvaluta l-kwistjonijiet legali ewlenin imqajma mill-proposta tal-PE, jiġifieri r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ukoll il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha skont l-Artikolu 14(2) TUE u tal-proċess tal-kandidati prinċipali. Għall-bqija, is-SLK jirreferi b'mod partikolari għall-opinjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2016³ dwar il-proposta tal-PE tal-11 ta' Novembru 2015 għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali⁴ li, minkejja xi bidliet fil-proposta attwali tal-PE meta mqabbla mal-proposta tal-2015, tibqa' rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 3 u 10 tal-proposta attwali tal-PE dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-prinċipji tal-għażla tal-kandidati⁵, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-proposta attwali tal-PE dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot⁶. Barra minn hekk, is-SLK ser, skont ma jkun il-każ, jerġa' lura għal kwistjonijiet legali oħra li jistgħu jinqalgħu matul id-dibattitu dwar il-proposta tal-PE.

II. QAFAS LEGALI

3. Il-proposta tal-PE hija bbażata fuq l-Artikolu 223(1) TFUE, li jipprevedi li:

"Il-Parlament Ewropew għandu jħejji proposta bil-ħsieb li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-membri tiegħu jiġu eletti b'vot dirett universali skont il-proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidhru fis-seħħ wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet konstituzzjonali rispettivi tagħhom."

³ Dokument 7038/16.

⁴ Dokument 14743/15.

⁵ Ara l-paragrafi 40 sa 52 tad-dokument 7038/16.

⁶ Ara l-paragrafi 61 sa 65 tad-dokument 7038/16.

III. KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ

4. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) TUE, "*skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, fl-oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn, l-oġettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni*".
5. L-Artikolu 223(1) TFUE jippermetti lill-Kunsill, bl-approvazzjoni tal-PE, jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-elezzjoni tal-MPE jew skont proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Peress li kemm proċedura uniformi kif ukoll prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha jistgħu, skont id-definizzjoni tagħhom, jiġu stabbiliti biss fil-livell tal-Unjoni, l-att li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 223(1) TFUE possibbilment jaqa' taħt l-eżerċizzju ta' kompetenza tal-Unjoni Ewropea relatata mal-funzjonament tagħha, li, min-natura tagħha, tista' tiġi eżerċitata biss mill-Unjoni nnifisha, bil-konsegwenza li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (il-Protokoll Nru 2) ma għandhomx japplikaw⁷.
6. Minkejja dan, il-PE jidher li jaċċetta li japplika l-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li jafferma f'termini ġenerali li l-proposta tiegħu tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (il-Premessa 23 tal-proposta tal-PE). Tabilħaqq, sa fejn il-proposta tal-PE ma tipprevedix proċedura elettorali kompletament uniformi, iżda tistabbilixxi ċerti prinċipji komuni (ara l-paragrafu 16 hawn taħt) li għandhom jiġu kkomplementati f'ċerti każijiet minn dispożizzjonijiet nazzjonali (kif indikat fl-Artikolu 3, paragrafu 1, tal-proposta tal-PE), ikun meħtieġ li jiġu ġġustifikati l-għażliet magħmula mil-leġislator fir-rigward tal-intensità tal-intervent regolatorju tiegħu, bl-applikazzjoni fis-sustanza tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

⁷ Ara f'dan il-kuntest is-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs il-Parlament u l-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, il-punt 241.

7. Għal dan l-għan, l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 jirrikjedi li l-PE jiġġustifika l-abbozz ta' att leġiżlattiv tiegħu fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità permezz ta' dikjarazzjoni dettaljata, *"sostanzjat[a] b'indikaturi kwalitattivi u, fejn ikun possibbli, kwantitattivi"*. Il-proposta tal-PE għandha tinkludi wkoll *"l-valutazzjoni tal-impatt finanzjarju tal-abbozz"* u *"[tqis] il-ħtieġa li kwalunkwe piż, kemm finanzjarju kif ukoll amministrattiv, li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, ikun minimizzat kemm jista' jkun u jkun proporzjonat mal-oġġettiv li jrid jintlaħaq"*.
8. Il-PE ma pprovdix tali dikjarazzjoni dettaljata, li madankollu tkun essenzjali biex il-Kunsill u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri⁸ jkun jistgħu jivvalutaw il-konformità tal-att mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u biex fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq l-istħarriġ tagħha tal-validità tal-att, li jestendi għall-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà⁹, inkluż ir-rispett kemm tar-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 5(3) TUE kif ukoll tar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fil-Protokoll Nru 2¹⁰.
9. Għalhekk, il-Kunsill jista' jitlob lill-PE biex jipprovdi raġunijiet addizzjonali għall-proposta. Minkejja dan, fl-aħħar mill-aħħar huwa f'idejn il-Kunsill, bħala l-awtur tal-att leġiżlattiv li jrid jiġi adottat, biex jiżgura l-konformità ta' dan l-att mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

⁸ Ħames parlamenti nazzjonali - il-Parlament Irlandiż (id-dokument 12148/22), il-Parlament Żvediż (Riksdagen) (id-dokument 10652/22), is-Senat tar-Renju tan-Netherlands (id-dokument 12153/22), il-Kamra tar-Rappreżentanti tar-Renju tan-Netherlands (id-dokument 12266/22) u l-Parlament Daniż (Folketinget) (id-dokument 12267/22) - hargħu opinjonijiet motivati skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2, li l-PE huwa obbligat iqis f'konformità mal-Artikolu 7(1) tal-Protokoll Nru 2.

⁹ Ara pereżempju s-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, Ir-Renju tal-Olanda vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, C-377/98, EU:C:2001:523, il-punti 30 sa 33; is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco, C-491/01, EU:C:2002:741, il-punti 180 sa 183; is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, il-punti 104 sa 108.

¹⁰ Sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Il-Polonja vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, C-358/14, EU:C:2016:323, il-punt 113.

10. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li xi dispożizzjonijiet fil-proposta tal-PE, bħal dawk fl-Artikolu 10 li jikkonċernaw l-għażla tal-kandidati u b'hekk il-fażi ta' qabel l-elezzjoni, imorru lil hinn mill-adozzjoni ta' "dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-membri tiegħu jiġu eletti" skont it-tifsira tal-Artikolu 223(1) TFUE. Għal tali regoli, jeħtieġ li tkompli tintwera rabta suffiċjenti mal-proċedura elettoral¹¹, u l-Kunsill għandu jistieden lill-PE jipprovdi l-ġustifikazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward.

IV. FORMA TAL-ATT U KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAL-PROPORZJONALITÀ

11. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(4) TUE jipprevedi li *"skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-oġettivi tat-Trattati."*
12. Għandu jitfakkar mill-bidu nett li l-Kunsill igawdi l-aktar diskrezzjoni wiesgħa possibbli meta jeżerċita l-kompetenza tiegħu skont l-Artikolu 223(1) TFUE u mhux marbut mill-kamp ta' applikazzjoni jew l-għan tal-proposta tal-PE¹², inkluż fir-rigward tal-forma tal-att propost. Tabilħaqq, l-Artikolu 223(1) TFUE ma jispeċifikax it-tip tal-att li għandu jiġi adottat, iżda sempliċement jipprevedi li l-Kunsill *"għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa."* F'tali każ, l-Artikolu 296, l-ewwel paragrafu, TFUE, jipprevedi li l-istituzzjonijiet għandhom jagħżlu t-tip tal-istrument, jiġifieri jekk jadottawx regolament, direttiva jew deċiżjoni, *"każ b'każ, skont il-proċeduri applikabbli, u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità"*.

¹¹ Ara wkoll f'dan il-kuntest l-Opinjoni tas-SLK tal-15 ta' Marzu 2016, id-dokument 7038/16, paragrafu 42.

¹² Ara l-opinjoni tal-15 ta' Marzu 2016, id-dokument 7038/16, paragrafi 7 u 8, b'argumenti aktar dettaljati.

13. F'dan ir-rigward, huwa utli li jittfakkar li hemm gradwazzjoni bejn it-tipi differenti ta' strumenti previsti fl-Artikolu 288 TFUE fir-rigward tal-intensità regolatorja tagħhom u, għall-kuntrarju, il-livell sa fejn dawn jillimitaw il-marġni ta' diskrezzjoni li jgawdu l-Istati Membri.
- a) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha. Skont ġurisprudenza stabbilita, regolament jiffurma parti mis-sistema legali ta' Stat Membru awtomatikament mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi traspost b'xi mod¹³. Madankollu, xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu jistgħu jeħtieġu, għall-implimentazzjoni tagħhom, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni mill-Istati Membri¹⁴. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li minħabba n-natura u l-funzjoni tagħhom fis-sistema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni, ir-regolamenti għandhom effett dirett u huma, bħala tali, kapaċi joħolqu drittijiet individwali li l-qrati nazzjonali jridu jipproteġu¹⁵.
- b) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jipprevedi li direttiva torbot kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. B'differenza mir-regolamenti, id-direttivi għalhekk mhumiex direttament applikabbli fis-sistemi legali domestiċi tal-Istati Membri u jridu jiġu implimentati fid-dritt nazzjonali¹⁶. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu tal-Istati Membri li jirriżulta minn direttiva li jilhq u r-riżultat previst minn dik id-direttiva, u d-dmir tagħhom, skont l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 288 TFUE, li jieħdu l-miżuri kollha xierqa, ġenerali jew partikolari, sabiex jiżguraw it-tweġġ ta' dak l-obbligu, jorbot lill-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri inkluż, għal kwistjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom, il-qrati¹⁷. Kull darba li d-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru li jkunu bla kondizzjonijiet u preċiżi biżżejjed, l-individwi jistgħu

¹³ Sentenza tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac, C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484, punt 66.

¹⁴ Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021, Facebook, C-645/19, EU:C:2021:48, punti 109 u 110, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

¹⁵ Sentenza tal-14 ta' Diċembru 1971, Politi, 43/71, EU:C:1971:122, punt 9; sentenza tas-17 ta' Mejju 1972, Leonesio, 93/71, EU:C:1972:39, punti 5 u 22.

¹⁶ Sentenza tas-6 ta' Mejju 1980, Il-Kummissjoni vs il-Belġju, 102/79, EU:C:1980:120, punt 12.

¹⁷ Sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, UH, C-64/20, EU:C:2021:207, punt 31, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

jinvokawhom quddiem il-qراطي nazzjonali kontra l-Istat fejn dan tal-aħħar ikun naqas milli jimplimenta dik id-direttiva¹⁸.

- c) Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, deċiżjoni torbot fl-intier tagħha. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawn biss. Minn dan isegwi li deċiżjoni ma tkunx neċessarjament indirizzata lil persuni speċifiċi u jista' jkollha kamp ta' applikazzjoni ġenerali. Tabilħaqq, l-istituzzjonijiet ilhom jużaw il-forma ta' deċiżjoni meta jadottaw atti fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet tat-Trattat li ma jeħtiġux l-użu ta' strument legali partikolari¹⁹ jew għall-organizzazzjoni interna tagħhom²⁰. Id-deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri jorbtu lill-istituzzjonijiet kollha tal-Istat ikkonċernat, inkluż il-ġudikatura. Għaldaqstant, il-qراطي nazzjonali għandhom id-dmir, minħabba l-preminenza tad-dritt tal-Unjoni, li joqogħdu lura milli japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li x'aktarx tfixkel l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni²¹. F'ċerti ċirkostanzi d-dispożizzjonijiet ta' deċiżjoni jista' jkollhom effett dirett fis-sens li individwu jista' jinvokahom f'tilwima ma' awtorità pubblika²². Għal dan il-għan, irid jiġi vverifikat jekk in-natura, il-kuntest u l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata jistgħux jipproduċu effetti diretti fir-relazzjoni legali bejn id-destinatarju tal-att u partijiet terzi²³.

14. L-għażla bejn l-istrumenti legali msemmija hawn fuq għandha tkun iggwidata b'mod partikolari mill-prinċipju tal-proporzjonalità, li jirrikjedi li azzjoni tkun kemm "xierqa", sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, kif ukoll ma tmurx lil hinn minn dak li huwa "meħtieġ" għal dak l-għan. Meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-

¹⁸ Sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, ASNEF u FECMD, C-468/10 u C-469/10, EU:C:2011:777, punt 51, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

¹⁹ Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, ĠU L 178, 16.7.2018, p. 1-3.

²⁰ Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1.

²¹ Sentenza tal-21 ta' Mejju 1987, Albako, 249/85, EU:C:1987:245, punt 17; sentenza tat-30 ta' April 2020, D.Z., C-584/18, EU:C:2020:324, punti 49 sa 63.

²² Sentenza tal-21 ta' Mejju 1987, Albako, 249/85, EU:C:1987:245, punt 10.

²³ Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1970, Grad, 9/70, EU:C:1970:78, punt 6.

inqas waħda oneruża, u l-iżvantaġġi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti²⁴.

15. Kif jintqal hawn fuq, l-Artikolu 223(1) TFUE jippermetti lill-Kunsill jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu eletti l-MPE skont proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Dawn iż-żewġ għażliet jimplikaw differenzi fl-intensità regolatorja tad-dispożizzjonijiet adottati fil-livell tal-Unjoni.
- Jekk il-Kunsill jagħżel li jistabbilixxi proċedura uniformi, regolament jista' jkun l-aktar strument xieraq. Tabilħaqq, proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha għall-elezzjoni tal-MPE teħtieġ livell għoli ta' armonizzazzjoni, li jista' jinkiseb bl-aħjar mod permezz ta' regolament, minħabba l-karatteristiċi tiegħu kif spjegat hawn fuq (paragrafu 13, taħt il-punt (a))²⁵.
 - Jekk, għall-kuntrarju, il-Kunsill jillimita l-intervent regolatorju tiegħu għad-definizzjoni ta' prinċipji komuni, tista' tkun xierqa forma anqas intensa tal-att, bħal direttiva jew deċiżjoni, peress li dawn iħallu marġni lill-Istati Membri għall-għażla tal-forma u l-metodi għall-kisba tal-prinċipji komuni stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.

²⁴ Ara pereżempju s-sentenza tat-30 ta' April 2019, l-Italja vs Il-Kunsill, C-611/17, EU:C:2019:332, punt 55, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 76, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

²⁵ Madankollu, għandu jiġi nnotat li, peress li l-Artikolu 223(1) TFUE jippermetti b'mod espliċitu lill-Kunsill jistabbilixxi proċedura uniformi, din l-għażla ma tistax tiġi eskluża a priori fuq il-bażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

16. Isegwi mill-Artikolu 1 tal-proposta tal-PE li din għandha l-għan li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-elezzjonijiet tal-MPE *"f'konformità ma' proċedura elettorali uniformi fir-rigward tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha msemmija fl-Artikolu 15 u ma' prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha"*. Madankollu, fis-sustanza, il-proposta tal-PE fiha taħlita ta' elementi ta' proċedura uniformi u ta' prinċipji komuni, li jikkonċernaw kemm il-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha kif ukoll il-kostitwenzi nazzjonali.
- Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu elementi ta' proċedura uniformi huma, pereżempju, dawk dwar id-dritt tal-vot (l-Artikolu 4(1) u (2)), id-dritt li toħroġ bħala kandidat (l-Artikolu 5), l-istabbiliment tar-reġistri elettorali (l-Artikolu 9), it-tressiq tal-listi tal-kandidati (l-Artikolu 11), is-sistema elettorali (l-Artikolu 12), jum l-elezzjoni (l-Artikolu 19) u l-Awtorità Elettorali Ewropea (l-Artikolu 28).
 - Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu prinċipji komuni, li jħallu ċertu marġni lill-Istati Membri għall-kisba ta' dawk il-prinċipji, huma pereżempju dawk dwar il-prevenzjoni tal-votazzjoni doppja (l-Artikolu 4(3)), l-eżerċitar tad-dritt tal-vot (l-Artikolu 6), l-aċċessibbiltà (l-Artikolu 7) u l-miżuri li jiżguraw l-affidabbiltà u s-segretezza tal-vot bil-posta (l-Artikolu 8(1)).
17. Possibbilment, id-dispożizzjonijiet tal-proposta tal-PE li jistabbilixxu elementi ta' proċedura uniformi jipprevalu fin-numru u fl-importanza, sabiex il-forma ta' regolament tidher xierqa fid-dawl tat-test kif inhu bħalissa.

18. Madankollu, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tiegħu, il-Kunsill jista' jadotta wkoll att li jinkludi taħlita ta' elementi ta' proċedura uniformi u elementi li jistabbilixxu prinċipji komuni u jibdlu l-bilanċ bejn iż-żewġ tipi ta' elementi meta mqabbla mal-bilanċ propost mill-PE. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għażla tat-tip xieraq ta' strument għalhekk ser tiddependi mill-kontenut finali tiegħu u l-livell ta' intensità regolatorja li jkun qed jipprova jikseb il-leġislatur tal-Unjoni. Ir-raġunijiet għal din l-għażla għandhom jiġu stabbiliti fil-premessi tal-att sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara l-punt 8 hawn fuq u l-ġurisprudenza ċċitata).
19. Għandu jiġi nnutat ukoll li bis-saħħa tal-prinċipju tal-preminenza tad-dritt tal-Unjoni²⁶, miżuri direttament applikabbli tal-istituzzjonijiet, fosthom b'mod partikolari regolamenti u deċizzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri, jirrendu awtomatikament mhux applikabbli kwalunkwe dispożizzjoni konfliġġenti tal-liġi nazzjonali attwali u jipprekludu l-adozzjoni ta' miżuri leġislattivi nazzjonali ġodda sal-punt li jkunu inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni²⁷. Skont ġurisprudenza stabbilita, iż-żamma fil-leġislazzjoni ta' Stat Membru ta' dispożizzjoni li tkun inkompatibbli ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni twassal għal ambigwità u inċertezza dwar il-possibbiltajiet għall-individwi li jinvokaw id-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, tali żamma tikkostitwixxi nuqqas min-naħa ta' dak l-Istat li jwettaq l-obbligi tiegħu skont it-Trattat²⁸. Barra minn hekk, huwa mfakkar li, irrispettivament mit-tip ta' att tal-Unjoni legalment vinkolanti, l-Istati Membri huma taħt l-obbligu ġenerali li "*jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' [tali atti]*" (Artikolu 291(1) TFUE).

²⁶ Ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, *Costa vs E.N.E.L.*, 6/64, EU:C:1964:66.

²⁷ Sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, *Simmenthal*, 106/77, EU:C:1978:49, punt 17.

²⁸ Sentenza tat-18 ta' Jannar 2001, *Il-Kummissjoni vs l-Italja*, C-162/99, EU:C:2001:35, punt 33, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

V. IL-KOMPATIBBILTÀ TA' KOSTITWENZA MADWAR L-UNJONI KOLLHA MAL-ARTIKOLU 14(2) TUE

20. Skont il-Premessa 9 tal-proposta tal-PE, "[j]enħtieġ li, minbarra l-kostitwenzi nazzjonali, tinħoloq kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, li fil-listi tagħha l-ewwel jitniżżel il-kandidat ta' kull familja politika għall-President tal-Kummissjoni, sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni demokratika u pan-Ewropea tal-elezzjonijiet Ewropej."
21. L-Artikolu 12(1) tal-proposta tal-PE jipprevedi li kull votant ikollu żewġ voti, wieħed biex jeleġġi l-MPE fil-kostitwenzi nazzjonali u wieħed biex jeleġġi MPE fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.
22. L-Artikolu 15(1) tal-proposta tal-PE jaqra kif ġej:
- "Għandu jkun hemm kostitwenza waħda ffurmata mit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea li minnha għandhom jiġu eletti 28 [MPE] fl-ewwel elezzjoni tal-[MPE] wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*
- Għall-elezzjonijiet tal-[MPE] minn hemm 'il quddiem, id-daqs tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha għandu jiġi determinat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew".*
23. Indipendentement mill-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha proposta mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, li ser tiġi eżaminata hawn taħt, għandu jiġi nnotat mill-bidu nett li l-Artikolu 15(1) tal-proposta tal-PE ma jirrispettax id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill kif previst fit-Trattati.
24. Isegwi mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE li *"l-Kunsill Ewropew għandu jadotta b'unanimità, fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u bl-approvazzjoni tiegħu, deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, li tirrispetta l-prinċipji previsti fl-ewwel subparagrafu."* Id-daqs tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha huwa element li għandu implikazzjonijiet diretti fuq il-kompożizzjoni tal-PE, għax jiddetermina l-għadd ta' MPE li s-siġġijiet tagħhom ma jkunux attribwiti għal Stati Membri speċifiċi. L-istabbiliment tad-daqs tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kunsill Ewropew, li jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE.

25. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 223(1) TFUE jikkostitwixxi l-bażi legali għall-adozzjoni mill-Kunsill, skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali prevista minn dak l-Artikolu, tad-
"dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-membri tiegħu jiġu eletti b'vot dirett universali ...". Skont din id-dispożizzjoni, il-Kunsill jista' għalhekk jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura elettorali, inkluż ir-regoli li għandhom jiġu applikati għall-elezzjoni tal-MPE fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, iżda ma jistax jiddetermina d-daqs ta' din il-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, li hija prerogattiva tal-Kunsill Ewropew. L-Artikolu 15(1) tal-proposta tal-PE għandu għalhekk jiġi modifikat skont dan, u l-Kunsill Ewropew, filwaqt li jaġixxi f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tat-TUE, għandu fi żmien xieraq jadotta d-deċiżjoni meħtieġa li tiddetermina d-daqs tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha. Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-elezzjoni tal-MPE mill-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha (l-Artikolu 15(2) sa (13) tal-proposta tal-PE) u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha tal-proposta tal-PE li japplikaw bl-istess mod għall-elezzjoni tal-MPE fil-kostitwenzi nazzjonali u fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha huma mbaġħad ibbażati b'mod korrett fuq l-Artikolu 223(1) TFUE.
26. Skont l-Artikolu 15(3) tal-proposta tal-PE, l-entitajiet elettorali Ewropej kollha kif definiti fl-Artikolu 2 jistgħu jippreżentaw listi għall-Unjoni kollha, li għandhom jinkludu għadd ta' kandidati ugwali għan-numru ta' MPE li għandhom jiġu eletti mill-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha. Il-kunċett ta' lista għall-Unjoni kollha huwa definit bħala *"il-lista tal-kandidati mressqa fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha minn entità elettorali Ewropea"* (l-Artikolu 2(9) tal-proposta tal-PE).
27. Dan iqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, kwistjoni li l-PE indirizza fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu li tiddikjara li din, fil-fehma tiegħu, hija kompatibbli mat-Trattat²⁹.
28. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE jaqra kif ġej:
- Il-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawn m'għandhomx jaqbżu l-għadd ta' seba' mija u ħamsin, minbarra l-President. Ir-rappreżentanza taċ-ċittadini għandha tkun digressivament proporzjonali, b'mhux anqas minn sitt membri għal kull Stat Membru. Ebda Stat Membru m'għandu jkun allokat aktar minn sitta u disgħin siġġu."*

²⁹ Ara l-punt 19 tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-PE.

29. Peress li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi diversi kondizzjonijiet relatati mal-kompożizzjoni tal-PE, huwa xieraq li kull waħda minn dawk il-kondizzjonijiet tiġi eżaminata separatament.

A) *Rappreżentanza taċ-ċittadini tal-Unjoni (l-ewwel sentenza)*

30. L-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE tipprevedi li "*l-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni.*"³⁰ Dan isegwi l-Artikolu 10(2) TUE, li jipprevedi li "*ċ-ċittadini [jiġifieri ċ-ċittadini tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 20(1) TFUE] huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.*" Iż-żewġ dispożizzjonijiet ħadu post dak li kien l-Artikolu 189 tat-Trattat tal-KE, li, qabel it-Trattat ta' Liżbona, kien jgħid li l-PE huwa magħmul minn "*rappreżentanti tal-popli tal-Istati mlaqqgħin flimkien fil-Komunità.*" (traduzzjoni mhux uffiċjali)
31. Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa ċar li kemm il-MPE li ser jiġu eletti fil-kostitwenzi nazzjonali kif ukoll dawk li ser jiġu eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-Unjoni. Dan huwa affermat mill-ġdid mill-Artikolu 12(2) tal-proposta tal-PE, li jipprevedi li l-MPE "*għandhom jiġu eletti bħala rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni fuq il-bażi ta' rappreżentanza proporzjonali, fil-kostitwenzi nazzjonali u fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.*" Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-proposta tal-PE dwar il-lista għall-Unjoni kollha jirrispettaw il-kondizzjoni stabbilita fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE li l-PE jkun magħmul minn "*rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni.*"

³⁰ Ara wkoll, f'dan il-kuntest, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Rivière a.o vs Il-Parlament, T-88/20, EU:T:2021:664, punt 49.

B) *Massimu ta' 751 MPE b'kollox (it-tieni sentenza)*

32. It-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE tirrikjedi li l-MPE "m'għandhomx jaqbżu l-għadd ta' seba' mija u ħamsin, minbarra l-President."
33. Peress li l-PE bħalissa għandu 705 membri, dan ifisser li l-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi li massimu ta' 46 MPE għandhom jiġu eletti mill-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha. In-numru ta' 28 MPE li għandhom jiġu eletti minn dik il-lista, previst mill-PE, għalhekk ma jaqbiżx il-limitu ta' 751 MPE b'kollox. Ser ikun ovvjament f'idejn il-Kunsill Ewropew, li għandu l-kompetenza li jiġi stabbilit id-daqs tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, li jiżgura r-rispett ta' din il-kondizzjoni fid-deċizzjoni futura tiegħu.

C) *Ir-rappreżentanza taċ-ċittadini trid tkun proporzjonali b'mod digressiv, b'limitu minimu ta' sitt membri għal kull Stat Membru u lil ebda Stat Membru ma jiġu allokat i aktar minn 96 siġġu (it-tielet u r-raba' sentenzi)*

34. It-tielet u r-raba' sentenzi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE jipprevedu li "*r-rappreżentanza taċ-ċittadini għandha tkun digressivament proporzjonali, b'mhux anqas minn sitt membri għal kull Stat Membru. Ebda Stat Membru m'għandu jkun allokat aktar minn sitta u disgħin siġġu.*"

35. Il-prinċipji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) TUE huma speċifikati fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-PE³¹ kif ġej:

- "- *l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tuża b'mod sħiħ il-limitu minimu u dak massimu għal kull Stat Membru stabbiliti mit-TUE, biex ikun rifless kemm jista' jkun possibbli d-daqs tal-popolazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri;*
- *il-proporzjonalità digressiva għandha tiġi ddefinita kif ġej: il-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru qabel l-arrotondament għal numri sħaħ għandu jvarja skont il-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom b'tali mod li kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni akbar jirrappreżenta aktar ċittadini minn kull Membru tal-Parlament Ewropew minn Stat Membru b'popolazzjoni iżgħar u, bil-maqlub, li aktar ma tkun kbira l-popolazzjoni ta' Stat Membru, akbar ikun id-dritt tiegħu għal numru kbir ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew,*
- *l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew għandha tirrifletti l-iżviluppi demografiċi fl-Istati Membri."*

³¹ ĠU L 164, 2.7.2018, p. 1

36. L-Artikolu 15(9) u (10) tal-proposta tal-PE jipprevedi sistema li hija maħsuba biex tiżgura bilanċ fil-listi għall-Unjoni kollha bejn tliet gruppi ta' Stati Membri determinati skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom³². Bis-suppożizzjoni li l-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha tkun tinkludi 28 siġġu, l-Artikolu 15(10) tal-proposta tal-PE jimponi varjazzjoni fl-ordni tal-kandidati residenti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri f'kull wieħed mit-tliet gruppi ta' Stati Membri sal-islot numru 14 fil-lista, li *de facto* x'aktarx ikun in-numru massimu ta' MPE eletti f'kull lista. Kif muri fl-Anness II tal-proposta tal-PE, dan ser jiżgura distribuzzjoni ġusta tas-siġġijiet fost it-tliet "bixkilli" ta' Stati Membri, li jappartjenu rispettivament għall-grupp tal-ħames Stati Membri bl-akbar popolazzjoni (grupp A, b'daqsijiet tal-popolazzjoni ta' bejn 37,9 miljun u 83,1 miljun), il-grupp ta' għaxar Stati Membri ta' daqs medju (grupp B, b'daqsijiet ta' popolazzjoni ta' bejn 6,9 miljun u 19,3 miljun) u l-grupp tat-tnax-il Stat Membru iżgħar (grupp C, b'daqsijiet ta' popolazzjoni ta' bejn 0,5 miljun u 5,8 miljun).
37. Filwaqt li din is-sistema għandha l-għan li tiżgura bilanċ ġeografiku fost il-MPE eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, hija tirrispetta wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva. Fil-fatt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, kif speċifikat fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937, ma jiddefinixxix dan il-prinċipju f'termini matematiċi preċiżi, iżda essenzjalment għandu l-għan li sempliċiment jiżgura korrelazzjoni sinifikanti bejn il-popolazzjoni ta' kull Stat Membru u l-għadd ta' MPE li jirrappreżentaw liċ-ċittadini f'kull Stat Membru, li jirrifletti l-iżviluppi demografiċi fl-Istati Membri.

³² Essenzjalment, din is-sistema tipprevedi li l-listi għall-Unjoni kollha jinqasmu f'taqsimiet ta' tliet slots. Kull wieħed minn dawn it-tliet slots għandu jimtela b'kandidat wieħed li jkun ġej minn kull wieħed mit-tliet gruppi ta' Stati Membri, li huma definiti fl-Anness I abbażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati. L-ordni tal-kandidati residenti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri f'kull wieħed minn dawn it-tliet gruppi ta' Stati Membri għandha tvarja f'kull taqsima tal-lista ta' tliet slots sal-islot numru 14 fil-lista. Għalhekk huwa possibbli li l-kandidati f'kull waħda minn dawn it-taqsimiet jiġu mill-istess Stat Membru fi ħdan il-grupp ta' Stati Membri kkonċernati (A, B u C). Mill-islot numru 15 sal-islot numru 28, ma tapplika ebda restrizzjoni dwar l-ordni tal-kandidati f'kull taqsima ta' tliet slots. Dawn iċ-ċifri jeħtieġ ovvjament li jiġu adattati jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi dwar daqs differenti tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.

38. Tali korrelazzjoni sinifikanti tidher li hija żgurata mis-sistema proposta mill-PE. Tabilħaqq, is-sistema deskritta fil-paragrafu 36 hawn fuq tiżgura li dawk il-MPE eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha residenti f'wieħed mill-ħames Stati Membri bl-akbar popolazzjoni (grupp A) jirrappreżentaw iktar ċittadini minn dawk residenti fl-għaxar Stati Membri ta' daqs medju (grupp B), li min-naħa tagħhom jirrappreżentaw aktar ċittadini minn dawk residenti fit-tmax-il Stat Membru iżgħar (grupp C), u b'hekk jissodisfaw l-ewwel kondizzjoni stabbilita fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937. Min-naħa l-oħra, din is-sistema tiżgura wkoll li fost il-MPE eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha dawk li huma residenti fl-Istati Membri b'popolazzjonijiet akbar ikunu rrappreżentati f'numri akbar minn dawk residenti fl-Istati Membri b'popolazzjoni iżgħar, u b'hekk tissodisfa fis-sustanza t-tieni kondizzjoni stabbilita fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937. Barra minn hekk, il-PE jipprevedi li l-għadd ta' MPE li għandhom jiġu eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha jkun relattivament żgħir (28 minn total ta' 733 MPE). L-effett utli tal-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE huwa għalhekk miżmum.
39. Fi kwalunkwe każ, ser ikun f'idejn il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'unanimità, fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u bl-approvazzjoni tiegħu, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, li jistabbilixxi n-numru ta' MPE li għandhom jiġu eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha li fil-fehma tiegħu jirrispetta l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE u, jekk ikun meħtieġ, jadatta kif meħtieġ il-prinċipji għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937.

40. Għandu jiġi nnutat ukoll li, kif diġà huwa l-każ għall-kostitwenzi nazzjonali, il-kriterju għall-assenjazzjoni ta' kandidati f'listi għall-Unjoni kollha lil ċertu Stat Membru mhuwiex in-nazzjonalità, iżda r-residenza (ara l-Artikolu 20(2)(b) TFUE u l-Artikolu 15(10) tal-proposta tal-PE). L-istabbiliment ta' taqsimiet ta' tliet slots huwa maħsub biex jiżgura li jkun hemm rappreżentanza xierqa ta' ċittadini li jivvutaw fi Stati Membri b'popolazzjonijiet ta' daqsijiet differenti, filwaqt li ma jiddeterminax minn qabel b'mod fiss il-pożizzjoni fil-lista ta' kandidat residenti fi Stat Membru partikolari. Huwa f'idejn kull entità elettoral i Ewropea li tiddetermina l-ordni fil-lista tal-kandidati f'kull taqsima ta' tliet slots tal-lista tagħha għall-Unjoni kollha (ara l-Artikolu 15(10) tal-proposta tal-PE).
41. Għad irid jiġi eżaminat jekk l-introduzzjoni ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha hijiex kompatibbli mar-raba' sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, li skontha *"[e]bda Stat Membru m'għandu jkun allokat aktar minn sitta u disgħin siggħu"*.
42. Għal dan l-għan, jeħtieġ li l-ewwel u r-raba' sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE jinqraw flimkien.
43. L-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE tipprevedi li *"l-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni"* li, kif intqal hawn fuq (paragrafi 30 u 31), tiġi rispettata kemm fir-rigward tal-MPE eletti fil-kostitwenzi nazzjonali kif ukoll daww eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.
44. Imbagħad, il-kunċett ta' *"allokazzjoni"* ta' siggħijiet lill-Istati Membri, użat fir-raba' sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm garanzija li kull Stat Membru jkollu dritt għal numru predefinit ta' MPE li jirrisjedu f'dak l-Istat Membru, indipendentement mill-eżitu tal-elezzjonijiet. Din il-garanzija tingħata lil kull Stat Membru permezz tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937, meħuda skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE, li jistabbilixxi, għal kull Stat Membru, in-numru ta' MPE allokati lilu.

45. Madankollu, skont is-sistema proposta mill-PE għall-elezzjoni ta' MPE fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, ma hemmx allokazżjoni bħal din għal kull Stat Membru.

- L-ewwel nett, dik is-sistema mhijiex ibbażata fuq il-kriterju ta' residenza ta' kandidat fi Stat Membru speċifiku, iżda fuq il-kriterju tar-residenza tiegħu/tagħha fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li jappartjenu rispettivament għal kwalunkwe wieħed mit-tliet gruppi ta' Stati Membri definiti fl-Anness I tal-proposta tal-PE.
- It-tieni, kull entità elettoral i Ewropea hi ħielsa li tiddetermina l-ordni fil-lista tal-kandidati f'kull taqsima ta' tliet slots tal-lista tagħha għall-Unjoni kollha (l-Artikolu 15(10) tal-proposta tal-PE).
- It-tielet, it-tqassim tas-siġġijiet għal-listi għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tar-riżultati aggregati fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha għandu jitwettaq skont is-sistema D'Hondt (l-Artikolu 15(12) tal-proposta tal-PE).

46. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat minn qabel l-għadd ta' MPE residenti fi Stat Membru partikolari li jkunu ser jiġu eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, ir-raba' sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet lil Stati Membri individwali ma tistax tiġi interpretata bħala li tapplika għall-MPE eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, iżda biss għall-MPE eletti fil-kostitwenzi nazzjonali, peress li huwa biss fir-rigward ta' dawk il-MPE li s-siġġijiet jiġu allokatil lil Stati Membri speċifiċi.
47. Din il-konklużjoni hija mirfuda wkoll mill-Artikolu 27(2) u (6) tal-proposta tal-PE, li skontu l-postijiet vakanti ta' siġġijiet ta' MPE eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha għandhom jintlewi mill-kandidati li jmiss fil-lista ta' kandidati li fiha l-MPE li s-siġġu tiegħu sar vakanti jkun ġie oriġinarjament elett/a, skont l-ordni ta' preċedenza. Bħala regola, il-MPE l-ġdid għalhekk ma jkunx residenti fl-istess Stat Membru bħall-MPE li l-mandat tiegħu jkun intemm.
48. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jidher li l-istabbiliment ta' lista għall-Unjoni kollha kif previst fil-proposta tal-PE jirrispetta l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tielet u r-raba' sentenzi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE. Minkejja dan, il-leġiżlatur jista' jqis li jkun opportuni li jittejjeb l-abbozzar tal-Artikolu 15 tal-proposta tal-PE, pereżempju sabiex jissaħħa l-bilanċ ġeografiku bejn il-MPE li ser jiġu eletti fil-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.

VI. IL-PROĊESS TAL-KANDIDATI PRINĊIPALI ("SPITZENKANDIDATEN")

49. Fil-Premessi 8 u 9 tal-proposta tiegħu, il-PE jipproponi proċess ta' kandidati prinċipali ("Spitzenkandidaten") bil-ħsieb li jintgħażel il-President futur tal-Kummissjoni, li l-PE jorbot mal-istabbiliment ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha. Essenzjalment, minn dawn il-premessi jirriżulta li l-listi għall-Unjoni kollha mfassla mill-entitajiet elettorali Ewropej għandhom jitmexxew mill-kandidat ta' kull familja politika għal President tal-Kummissjoni, li għandu jkun jista' jappoġġa programm elettorali komuni fl-Istati Membri kollha. Fuq il-bażi ta' ftehim politiku bejn l-entitajiet politiċi Ewropej, il-kandidat prinċipali li l-entità politika Ewropea tiegħu tkun irċeviet l-oġġla numru globali ta' siġġijiet għandu l-ewwel jingħata l-kompitu li jiffirma koalizzjoni ta' maġġoranza fil-Parlament li jkun għadu kif ġie elett b'rabta man-nomina ta' kandidat għal President tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, *"[s]abiex jinforma l-proċess tan-nomina, il-President tal-Kunsill Ewropew jenħtieġ li jikkonsulta lill-mexxejja msemmija tal-entitajiet politiċi u l-gruppi parlamentari Ewropej. Il-proċess tal-kandidati prinċipali jista' jiġi fformalizzat permezz ta' ftehim politiku bejn l-entitajiet politiċi Ewropej u permezz ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew"* (ara l-Premessa 8, in fine).
50. Dawn il-premessi mhumie x akkumpanjati minn dispożizzjonijiet korrispondenti fil-parti operattiva tar-regolament propost. Huwa ċar li kieku kellhom jiġu aċċettati mill-Kunsill, dawn jiġu interpretati bħala espressjoni tal-aċċettazzjoni politika tal-Kunsill tal-proċess propost mill-PE. Madankollu, dak il-proċess huwa problematiku ħafna legalment, għar-raġunijiet li ġejjin.
51. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(7) TUE jaqra kif ġej:

"Waqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet xierqa, il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għall-funzjoni ta' President tal-Kummissjoni. Dan il-kandidat għandu jkun elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Jekk dan ma jiksibx il-maġġoranza, il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu fi żmien xahar jipproponi kandidat ġdid li għandu jiġi elett mill-Parlament Ewropew skont l-istess proċedura."

52. Din id-dispożizzjoni hi speċifikata fid-Dikjarazzjoni Nru 11³³, li skontha *"qabel id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew"*, rappreżentanti tal-PE u tal-Kunsill Ewropew ser *"jagħmlu l-konsultazzjonijiet meħtieġa fil-qafas li jqisu l-aktar xieraq"*. Dawn il-konsultazzjonijiet *"għandhom jiffukaw fuq il-profil tal-kandidati għall-Preidenza tal-Kummissjoni, wara li jieħdu kont tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (...)"*. Barra minn hekk, jirriżulta mid-Dikjarazzjoni Nru 6³⁴ li *"[f]l-għażla tal-persuni msejħa sabiex jassumu l-funzjonijiet ta' President tal-Kunsill Ewropew, ta' President tal-Kummissjoni u ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni (...), għandu jittieħed kont debitu tal-ħtieġa li tiġi rispettata d-diversità ġeografika u demografika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha."*
53. Minn dan jirriżulta, l-ewwel nett, li huwa fidejn il-Kunsill Ewropew li jipproponi lill-PE l-kandidat għal President tal-Kummissjoni. Il-Kunsill ma għandu l-ebda rwol f'dan il-proċess u għalhekk ma jistax, f'att adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 223(1) TFUE, jieħu impenji politiċi, permezz ta' premessi, dwar kwistjonijiet li t-Trattat jirriżerva għall-Kunsill Ewropew.
54. It-tieni, fi ħdan il-qafas stabbilit mill-Artikolu 17(7) TUE u d-Dikjarazzjonijiet Nru 6 u 11 (ara l-paragrafu 52 hawn fuq), il-Kunsill Ewropew għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-kandidat għal President tal-Kummissjoni. L-istabbiliment jew it-tisħiħ ta' Prattika ta' kandidati prinċipali, kif propost mill-PE, madankollu jnaqqas serjament, jekk saħansitra ma jeskludix, dan il-marġni ta' diskrezzjoni. Il-fatt li, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-PE jintalab *"jeleġġi"*, u ma għadux aktar *"japprova"*, il-President tal-Kummissjoni, għandu jinftiehem bħala espressjoni tad-dimensjoni politika tar-relazzjoni bejn il-PE u l-Kummissjoni, iżda ma għandu ebda konsegwenza fir-rigward tar-rwol u l-prerogattivi tal-Kunsill Ewropew fil-proċedura tal-ħatra tal-President tal-Kummissjoni³⁵.
55. Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-proċess previst ta' kandidati prinċipali ("Spitzenkandidaten") ibiddel b'mod profond, għad-detriment tal-Kunsill Ewropew, l-istruttura kostituzzjonali tal-Unjoni u l-bilanċ istituzzjonali kif minqux fit-Trattati. Il-premessi 8 u 9 tal-proposta tal-PE għaldaqstant għandhom jiṭṭassru.

³³ Annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Liżbona.

³⁴ Annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Liżbona.

³⁵ Ara wkoll f'dan il-kuntest l-Opinjoni tas-SLK tal-15 ta' Marzu 2016, id-dokument 7038/16, paragrafi 27 sa 31.

VII. KONKLUŻJONIJIET

56. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, is-SLK huwa tal-fehma li:

- a) l-att li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 223(1) TFUE x'aktarx jaqa' taħt l-eżerċizzju ta' kompetenza tal-Unjoni relatata mal-funzjonament tagħha, li, min-natura tagħha, tista' tiġi eżerċitata biss mill-Unjoni nnifisha; madankollu, sa fejn il-proposta tal-PE ma tipprevedix proċedura elettorali kompletament uniformi, iżda tistabbilixxi wkoll ċerti prinċipji komuni, jeħtieġ li jiġu ġġustifikati, f'dikjarazzjoni adegwata tar-raġunijiet, l-għażliet magħmula mil-leġiżlatur fir-rigward tal-intensità tal-intervent regolatorju tiegħu;
- b) il-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha proposta hija kompatibbli mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE;
- c) il-premessi 8 u 9 tal-proposta tal-PE b'rabta mal-proċess tal-kandidati prinċipali ("Spitzenkandidaten") għall-għażla tal-President futur tal-Kummissjoni jbiddu b'mod profond, għad-detriment tal-Kunsill Ewropew, l-istruttura kostituzzjonali tal-Unjoni u l-bilanċ istituzzjonali kif minqax fit-Trattati u għaldaqstant għandhom jiġihassru.